MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 16/2023 LM

**Raymond Borg (K.I. nru. 609155M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('Id-Direttur Ġenerali appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Raymond Borg (K.I. nru. 609155M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fid-9 ta' Marzu, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-

rikorrent fil-konfront tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'], kif ġej:

> *"Għar-raġunijiet fuq mogħtija u mill-assjem tal-provi, l-arbitru għalhekk iħoss illi d-DSS kellu kull raġun li jitlob ir-rifużjoni mill-Pensjoni tal-Età minħabba li kien qiegħed jgħix mal-*partner *li kienet qiegħda taħdem.*
>
> *Fid-dawl ta' dan l-arbitru jiċħad l-appell u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DSS f'dan ir-rigward qiegħda tiġi konfermata."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent fil-31 ta' Diċembru, 2019, id-Direttur Ġenerali intimat informa lir-rikorrent li jirriżulta li huwa tħallas żejjed is-somma ta' tmintax-il elf, ħames mija u tmienja u disgħin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€18,598.44) f'pensjoni tal-età li rċieva mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-perijodu bejn l-4 ta' Frar, 2017 sat-3 ta' Jannar, 2020. Qal li dan ġie stabbilit għaliex nstab li r-rikorrent jgħix mas-sieħba tiegħu li taħdem. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li dan il-ħlas żejjed li sar lilu, ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-Pensjoni tal-Età jew minn kull ħlas ieħor li huwa jista' qiegħed jirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

3. Ir-rikorrent wieġeb għal din l-ittra billi ċaħad li huwa jgħix mal-*partner* tiegħu, u qal li huwa mhux dipendenti fuq persuna jew persuni oħra finanzjarjament, u għalhekk talab lid-Direttur Ġenerali intimat jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb għar-rikors tal-appell tar-rikorrent, billi qal li sat-3 ta' Jannar, 2020 ir-rikorrent kien benefiċjarju tal-Pensjoni tal-Età.

Qal li din il-Pensjoni ġiet imwaqqfa wara li s-*social worker* tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamlet rapport in segwitu għal spezzjoni fid-dar tar-rikorrent, fejn irriżulta li flimkien mar-rikorrent kien hemm tgħix ċerta Petra Novackova. Id-Direttur Ġenerali intimat qal li għalhekk huwa ma kienx sodisfatt li r-rikorrent jgħix waħdu. Qal ukoll li kien għalhekk li fil-31 ta' Diċembru, 2019, huwa bagħat jinforma lir-rikorrent li kellu jirrifondi s-somma ta' €18,598.44, liema ammont ikopri l-benefiċċji li huwa rċieva fil-perijodu meta l-*partner* tiegħu kienet taħdem bejn l-4 ta' Frar, 2017 u t-3 ta' Jannar, 2020.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2023, l-Arbitru ddeċieda li d-Direttur Ġenerali intimat kellu raġun jitlob rifużjoni tal-Pensjoni tal-Età li tħallset lir-rikorrent, u li kien sodisfatt li dan kien qiegħed jgħix mal-*partner* li kienet taħdem, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Fatti tal-Każ*
>
> *Illi dan il-każ jibbaża kollu kemm hu fuq spezzjoni li kien saret minn Victoria Bugeja li hija* social worker*. Illi mir-rapport li għamlet u li ġie esebit fil-mori ta' dawn il-proċeduri jgħid li hija kienet marret tagħmel* home visit *u l-appellant kien qalilha li huwa ltaqa' ma' Petra Novackova u anki kienet ġiet Malta. Huwa kien indika li kien jgħix fl-istess appartament magħha. Kompla jgħid li huma kienu jaqsmu l-kirja tal-appartament kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Illi mill-istess spezzjoni li saret fil-fond in kwistjoni kien hemm kamra waħda u ċioe kamra tas-sodda li kienet qiegħda tintuża kemm mill-appellant kif ukoll mill-istess Petra Novackova. Skont l-istess rapport kien hemm ħwejjeġ oħra f'din il-kamra li kienu jappartjenu kemm tal-appellant kif ukoll tal-persuna l-oħra. Waqt li l-kmamar l-oħra kienu qegħdin jintużaw għal skop ieħor.*
>
> *Illi l-istess* social worker *Victoria Bugeja, xehdet fil-mori ta' dawn il-proċeduri fejn qalet li l-appellant kien ilu jgħix mal-*partner *tiegħu għal dawn l-aħħar seba' snin u*

*dan wara li kien iltaqa' magħha meta kien jgħix barra minn Malta. Illi huwa ma kellux relazzjoni intima magħha u kienu jaqsmu xi kontijiet ta' bejniethom. Għalkemm hija kompliet tgħid li qagħdet fuq dak li qal l-istess appellant li kellu relazzjoni mal-*partner *tiegħu. Hija fetħet l-unika kamra fejn kienet il-kamra tas-sodda fejn sabet il-ħwejjeġ li kellha hi kif ukoll tal-appellant. Hija kkonfermat li t-tip ta' relazzjoni ta' bejniethom kienet waħda platonika u mhux intima.*

*L-appellant xehed ukoll f'dawn il-proċeduri fejn spjega min-naħa tiegħu kif inhi mqassma d-dar u kif il-kmamar tas-sodda qegħdin jintużaw. Kompla jgħid li Petra kienet ġewwa l-kamra tagħha meta ġiet is-*social worker *u insista li kulħadd għandu l-kamra tiegħu u mhux kif tat l-impressjoni s-*social worker*. Illi din Petra kienet ġiet Malta sabiex titgħallem l-Ingliż u kien qalilha biex tgħix fl-istess appartament. Illi dak iż-żmien hija kellha tliet relazzjonijiet u fl-aħħar ġiet tgħix miegħu. Skont hu l-istess Petra kienet iżżomm il-ħwejjeġ tagħha ma' tiegħu għax ma kellhiex fejn tpoġġihom u fil-fatt kien wara li poġġew gwardarobba oħra sabiex tkun tista' tpoġġi l-ħwejjeġ. Illi rigward id-dokument li huwa ffirma qal li kien għamel hekk iżda ma kienx jaf eżatt x'qiegħed jiġri għax huwa kien bil-kalmanti u nofsu rieqed. Waqt li xi ħin ħarġet Petra minn ġewwa l-kamra tagħha u s-*social worker *riedet tara l-i*study room*. Illi fil-fatt ma staqsiet l-ebda mistoqsija lil Petra dwar l-affarijiet ta' bejniethom. Illi min-naħa tad-DSS ma saru l-ebda mistoqsijiet dwar il-każ.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-Arbitru huwa rinfaċċjat b'rapport magħmul minn* social worker *dwar l-ispezzjoni li saret fir-residenza li kien reġistrat l-imsemmi Raymond Borg u ċioe l-appellant. Illi l-kwistjoni kollha hija dwar jekk fil-fatt kienx hemm relazzjoni bejn l-appellant u l-istess il-persuna l-oħra li qiegħda tgħix fl-istess appartament. Illi min-naħa tas-*social worker *qalet li l-appellant kien iffirma dokument fejn qal li kellu relazzjoni mal-istess Petra. Illi l-istess* social worker *spjegat li din ir-relazzjoni kienet waħda platonika u mhux waħda intima. Illi minn dan kollu skont l-istess xhud tad-DSS, Victoria Bugeja qalet li l-appellant kien iffirma dokument. Illi ta' min jagħmilha ċara, li għalkemm saret referenza għal dan id-dokument, ma nġabet ebda prova tiegħu. Illi però mill-istess xhieda tal-appellant ma nnegax li huwa kien iffirma xi dokument, tant li pprova jgħid li kien iffirma dan id-dokument anki minħabba l-fatt li kien għamel lejl imqajjem u qiegħed bil-kalmanti.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-istess appellant esebixxa diversi ritratti sabiex juri kif il-post huwa mqassam fejn spjega li hu m'għandux relazzjoni ma' ħadd u din Petra sempliċiment tgħix hemm u*

*jaqsmu l-kera u kontijiet oħra. Illi l-arbitru sejjer jimxi mal-prinċipju li fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.*

*Illi in oltre, kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et*** *deċiża nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April, 2022, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:-*

> **"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."**

*Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (**Borg vs Bartolo –** Appell Inferjuri – 25 ta' Ġunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti –** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t'April, 1994; **Borg vs Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace –** Vol. LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino –** Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar, 1952).*

*Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w għoxrin (28) t'April, 2004, fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs David Curmi noe:***

> **"Fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawża ċivili, id-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.**
>
> **Huwa ben magħruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi, għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom, ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."**

*Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili għal dak li ġara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni ċivili. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.*

*Illi f'dan il-każ is-*social worker *li marret fir-residenza tal-appellant ma kellmet lil ħadd ħlief lilu. Illi kellha kull okkażjoni tivverifika l-fatti mistqarra mill-istess appellant. Illi però f'dan il-każ kien l-istess appellant li stqarr li huwa kellu relazzjoni ma' din Petra u ħadd aktar. Illi għalkemm diġà ngħad li s-*social worker *semmiet li kien l-istess appellant li ffirma dokument sabiex jikkonferma li kellu din ir-relazzjoni. Illi però l-prova ta' dan id-dokument ma nġabitx. Illi madanakollu kien l-istess appellant li kkonferma wkoll l-eżistenza ta' dan id-dokument fejn qal li huwa qabad u ffirmah u allavolja kien għamel lejl ma raqadx u anki kien jieħu l-kalmanti. Illi l-arbitru jsibha daqsxejn diffiċli li jemmen li ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel dakinhar meta huwa stess beda jagħti ċertu dettalji ta' kif marret l-intervista saħansitra ftakar li kien offra t-te u dan meta tieħu in konsiderazzjoni li suppost għamel lejl ma setax jorqod u kien jieħu l-kalmanti. Illi bla dubju ta' xejn, dak li stqarret kemm fir-rapport l-istess* social worker *u kif anke xehdet f'dawn il-proċeduri huwa ferm aktar verosimili għal dak li seta' ntqal li l-appellant qal li huwa kellu relazzjoni ma' din Petra."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-21 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru, b'mod li l-appellat jerġa' jingħata l-pensjoni sħiħa, u tillikwida dak l-ammont li pendenti l-appell, kellu jinqata' mill-pensjoni, u tordna l-ħlas ta' dan l-ammont hekk likwidat bl-imgħax lill-appellant.

7. L-appellant spjega li huwa kien ilu żmien jgħix barra minn Malta, u meta rritorna beda jirrisjedi fil-fond 37, Triq Francisco Ximenes, Salina, limiti tan-Naxxar. Spjega li billi għamel żmien jgħix barra minn Malta, huwa ma kienx intitolat għall-pensjoni tal-irtirar, iżda kien intitolat għall-pensjoni tal-età billi ma kienx jeċċedi t-test tal-mezzi bil-limitu ta' €14,000, u billi huwa persuna li jgħix waħdu. Qal li fil-11 ta' Frar, 2019 kienet marret għandu *social worker,* li fir-rapport tagħha kitbet li l-appellant kien qiegħed jgħix ma' ċerta Petra Novackova. Qal li kien abbażi ta' dan ir-rapport li d-Direttur Ġenerali appellat infurmah fl-20 ta' Jannar, 2021, li huwa kien irċieva ħlas żejjed, u li kien ser ikun

imġiegħel jirrifondi l-ħlas żejjed li sar, u dan mingħajr ma ngħata raġuni valida għal din id-deċiżjoni. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni, u għalhekk talab għar-reviżjoni tagħha quddiem l-Arbitru. Qal li l-Arbitru straħ fuq ir-rapport tas-*social worker,* u ddeċieda kontra tiegħu. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu kien hemm apprezzament żbaljat tal-provi, u saret interpretazzjoni ħażina tal-liġi, li ħallew impatt negattiv u konsiderevoli fuq il-ħajja tiegħu.

8. L-appellant qal li l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rapport tas-*social worker,* li wara spezzjoni li saret fid-dar tiegħu fil-11 ta' Frar, 2019, qalet li dan kien qiegħed jgħix ma' persuna oħra, Petra Novackova, u għalhekk huwa ma jaqax fil-kategorija ta' persuna li tgħix waħidha. L-appellant qal li s-*social worker* iddikjarat ukoll li hu u Petra Novackova għandhom biss relazzjoni platonika, u minn qari ta' dan ir-rapport imkien ma jirriżulta li Petra Novackova hija fil-fatt is-sieħba tiegħu. L-appellant saħaq li Petra Novackova kienet tgħix miegħu u taqsam miegħu l-ispejjeż tal-kera u kontijiet oħra. L-appellant qal li r-rapport tas-*social worker* fih xi żbalji, fosthom fl-indirizz tal-fond innifsu, fejn is-*social worker* qalet li hija għamlet spezzjoni fil-fond 39, Triq Francisco Ximenes, is-Salini meta l-appellant jirrisjedi fil-fond 37 fl-istess triq. Qal li anki l-ħin tal-ispezzjoni kien żbaljat, u żball ieħor huwa fir-rigward tan-numru ta' kmamar tas-sodda li hemm fil-fond. Qal li dawn l-iżbalji ġew skartati għal kollox mill-Arbitru, għaliex dawn iqanqlu dubji dwar jekk l-ispezzjoni saritx fir-residenza tiegħu jew f'xi residenza oħra. Qal ukoll li dan id-dubju jkompli jissostanzja ruħhu meta l-Arbitru nnifsu jammetti li l-każ idur fuq din l-ispezzjoni li saret mis-*social worker* Victoria Bugeja. Kompla jgħid li l-investigazzjoni damet bejn għaxra u ħmistax-il minuta, u kien l-Arbitru li għażel li jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq din iż-

żjara. L-appellant qal li hemm dubju wkoll kemm wara din l-ispezzjoni, is-*social worker* setgħet tikkonkludi li l-persuna li nstabet fir-residenza tiegħu hija s-sieħba tiegħu, fis-sens li huma għandhom relazzjoni flimkien. L-appellant qal li hawnhekk għandek sitwazzjoni ta' persuna li ma titkellimx bil-Malti, filwaqt li hu fil-ħinijiet ta' filgħodu ma jkollux konoxxenza ta' dak li jkun qiegħed jiġri madwaru minħabba t-tip ta' mediċini li jieħu għall-kundizzjoni mentali tiegħu. Qal li r-rapport jgħid *"It seems that he is living with ...",* u għalhekk l-użu tal-kelma *'seems'* jiħxet dubju dwar il-konklużjonijiet tar-rapport, għaliex turi nuqqas ta' ċertezza da parti tas-*social worker.* Kompla jgħid li l-istess rapport fih inkongruwenzi oħrajn, fis-sens li hemm drabi fejn jingħad li huwa għandu relazzjoni ma' Novackova, drabi oħra fejn jingħad li din hija relazzjoni platonika, u drabi oħra fejn jingħad li din il-mara kienet tgħix fil-fond mal-appellant sabiex jaqsmu l-kera bejniethom.

9. L-appellant qal li l-apprezzament żbaljat tal-fatti wassal biex il-liġi ġiet interpretata b'mod żbaljat, u dan għaliex il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeskludix *rent sharing* ma' persuni oħra, u ma jiġix skwalifikat milli jirċievi l-Pensjoni tal-Età. Qal li dan huwa fenomenu ġdid fis-soċjetà Maltija li qiegħed jiġi aċċettat mill-awtoritajiet Maltin. Qal li l-Kap. 318 lanqas ma jiddefinixxi xi jfisser *'persuna weħidha'*, u qal li persuna tgħix weħidha għaliex m'għandha rabta ma' ħadd.

10. L-appellant qal li huwa m'għandu ebda dħul ieħor ħlief il-pensjoni tal-età, u ebda għajnuna fil-forma ta' sussidju mill-Awtorità tad-Djar. Qal li l-pensjoni tiegħu tammonta għal €528 fix-xahar, li huwa l-istess ammont li huwa jħallas f'kera. Qal li huwa diġà għandu diffikultà biex jgħaddi b'dak li jifdallu wara li

jħallas il-kera, u għalhekk ikun ferm diffiċli għalih li jħallas il-kera kollha waħdu. Qal li huwa ma tefax il-piż fuq l-Istat u talab sussidju lill-Awtorità tad-Djar, iżda qasam il-kera ma' persuna oħra, bir-riżultat li issa qiegħed jiġi kkastigat billi jintalab iħallas lura l-pensjoni għall-perijodu bejn l-2017 u l-2020. Qal ukoll li l-Arbitru għamel konsiderazzjonijiet għal kollox żbaljati meta skarta x-xhieda tiegħu fejn qal li fis-7:30 ta' filgħodu huwa ma kienx f'sensih mija fil-mija minħabba l-pilloli li jieħu, fosthom kalmanti, imma għaliex ftakar li kien offra kafè lis-*social worker*, l-Arbitru ppretenda li huwa kellu jiftakar kollox.

11. L-appellant ilmenta wkoll li fil-każ odjern inkisirlu d-dritt għal smigħ xieraq. Qal li waqt l-ispezzjoni huwa ma ġiex infurmat li kien qiegħed taħt investigazzjoni, jew li dak li jgħid u jiffirma għalih jista' jintuża kontra tiegħu, u għalhekk mhux ġust li huwa kien investigat bla ma jaf u bla ma kien imwissi bir-riperkussjonjiet li seta' jiffaċċja, speċjalment meta minħabba l-marda mentali tiegħu huwa meqjus bħala persuna vulnerabbli. L-appellant qal li għalhekk id-dikjarazzjonijiet u l-firem miksuba mingħandu, ġew issolleċitati mingħajr ma ngħatat informazzjoni tajba, ladarba huwa ma ġiex infurmat li kienu ser jintużaw kontra tiegħu mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali f'deċiżjoni arbitrarju, fejn ma ngħatax iċ-ċans jispjegat l-fatti skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li l-Arbitru applika l-prinċipju tal-liġi ċivili *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat,* iżda prinċipju ieħor tal-liġi huwa *actor non probante, reus absolvitur.* Qal li fil-każ odjern ma ġiex ippruvat li huwa għamel dikjarazzjoni falza, u lanqas ma ġie ppruvat li huwa qiegħed f'relazzjoni ma' persuna b'tali mod li għandu jkun eskluż milli jibbenefika mill-pensjoni tal-età.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma fit-totalità tagħha minn din il-Qorti, iżda qabel xejn qal li jrid iqajjem eċċezzjoni ta’ natura preliminari. Qal li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija datata d-9 ta’ Marzu, 2023, iżda ġiet notifikata lill-appellant fil-21 ta’ Marzu, 2023. Qal li r-rikors tal-appell tal-appellant tressaq fil-21 ta’ Ġunju, 2023. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għall-artikolu 109 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jgħid li appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru jista’ ssir permezz ta’ rikors fi żmien tletin ġurnata. Qal li fil-każ odjern għandu jirriżulta li r-rikors tal-appell ġie ppreżentat ferm wara d-dekors tat-tletin ġurnata, u għalhekk għandu jirriżulta li huwa *fuori termine.*

13. L-appellat saħaq li l-*onus* sabiex jipprova li ċ-ċirkostanzi ma nbidlux minn meta applika, kien jinkombi esklussivament fuq l-appellant. Qal li l-appellant mhux talli ma ppruvax li ċ-ċirkostanzi nbidlu, talli mas-*social worker* iddikjarat li huwa ma kienx qiegħed jgħix waħdu. Qal li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat kienet ibbażata fuq rapport dwar spezzjoni li saret fir-residenza dikjarata tal-appellant, u fuq id-dikjarazzjoni *a tempo vergine* tal-appellant, u għalhekk ma jistax jingħad li din ma kinitx ‘informattiva’. Qal li l-iżbalji msemmija mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu mhumiex żbalji li jimmeritaw tibdil fid-deċiżjoni, u kien l-appellant innifsu li kkonferma li saret spezzjoni fir-residenza tiegħu, u kien hu li tkellem mas-*social worker,* u għalhekk ma kien hemm l-ebda dubju dwar jekk l-ispezzjoni saritx fir-residenza tal-appellant jew f’xi residenza oħra. Qal li l-appellant ikkonferma wkoll id-durata ta’ din l-ispezzjoni, u għalhekk kompla jikkonferma li din saret fejn joqgħod hu. Qal li l-unika difiża miġjuba mill-appellant hija li ma kienx jaf x’inhu jagħmel minħabba fit-tip ta’ mediċina li jieħu,

imma li l-appellant naqas milli jippreżenta xi forma ta' ċertifikat mediku bħala prova ta' dan. L-appellat qal li l-benefiċċji mhux kontributorji ma jiddependux fuq jekk ir-relazzjoni ma' terzi hijiex waħda platonika jew intima, imma fuq il-fatt li l-persuni qegħdin jaqsmu l-ispejjeż tal-ħajja flimkien. Qal li dan jirriżulta ċar mid-dikjarazzjoni tal-appellant, u għalhekk ladarba ċ-ċirkostanzi tiegħu ma baqgħux l-istess għaliex Petra Nvoackova bdiet tgħix miegħu u huma bdew jaqsmu l-ispejjeż flimkien, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali kellu jieħu konjizzjoni ta' dan. Qal li fir-rigward ta' benefiċċji mhux kontributorji, għandu jittieħed kont tat-tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-applikant, għaliex ma tistax tiġi ttollerata sitwazzjoni fejn applikant jirċievi benefiċċju mhux mistħoqq għad-detriment tat-*tax payer.*

14. L-appellat saħaq li fil-każ odjern lanqas ma jista' jingħad li l-Kap. 318 ġie applikat b'mod żbaljat. Qal li l-artikolu 66 tal-Kap. 318 jispeċifika d-distinzjoni bejn persuna waħidha u persuna miżżewġa, u għalhekk it-terminu *'persuna waħedha'* m'għandu bżonn l-ebda definizzjoni, u jeskludi l-fatt li żewġ persuni jaqsmu l-ispejjeż u l-ħajja flimkien. L-appellat qal li kien l-appellant innifsu li kkonferma li minkejja li d-dar tiegħu fiha tliet jew erbat ikmamar tas-sodda, fil-fatt hu u t-terza persuna jaqsmu l-istess kamra tas-sodda, u għalhekk l-appellant ma jistax jgħid li huwa m'għandu l-ebda rabta ma' ħadd.

15. B'riferiment għas-sitwazzjoni diffiċli li l-appellant jgħid li jinsab fiha, l-appellat jgħid li dan la huwa bbażat fuq punt ta' prinċipju u lanqas m'huwa punt ta' importanza. Qal li l-ebda sitwazzjoni diffiċli ma tagħti lill-individwu d-dritt awtomatiku li jieħu xi benefiċċju jew li jibdel iċ-ċirkostanzi a vantaġġ tiegħu mingħajr ma jinforma lid-Dipartiment. Qal li minkejja li l-appellant jgħid li

għandu sfidi ta' saħħa mentali, huwa ma ppreżenta l-ebda ċertifikat mediku bħala prova ta' dan, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll.

16. L-appellat qal li l-aggravju dwar ksur tal-jedd tal-appellant għal smigħ xieraq, jinċidi fuq id-drittijiet fundamentali tal-appellant, u għalhekk dan l-aggravju m'għandux ikun ikkunsidrat minn din il-Qorti. Qal li l-artikoli 112 u 113 tal-Kap. 318 jagħtu l-poter lid-Direttur Ġenerali li jaħtar lil dawk l-uffiċjali sabiex jispezzjonaw il-fond mingħajr ebda avviż, u għalhekk meta l-appellant applika għall-imsemmi benefiċċju, dan kien jaf li kien ser ikun suġġett għal dawn il-proċeduri. L-appellat saħaq li l-injoranza tal-liġi mhijiex skuża. Id-Direttur Ġenerali appellat qal li la hu u lanqas l-Arbitru ma allegaw li l-appellant għamel xi dikjarazzjoni falza, iżda l-fatt li l-appellant u Petra Novackova jgħixu flimkien, jaqsmu l-istess sodda u l-ispejjeż, imur kontra dak li ried ifiehem il-leġislatur bil-kliem 'persuna weħidha', u għalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li huwa mhuwiex f'ċirkostanzi ta' persuna li tgħix waħedha, iżda jibbenefika bl-istess mod u bħallikieku huwa persuna li tgħix waħedha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Qabel ma tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari mqajjma mid-Direttur Ġenerali appellat, li r-rikors tal-appell ġie intavolat *fuori termine.* Fil-fatt jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Arbitru ngħatat fid-9 ta' Marzu, 2023, imma l-appell tal-appellant ġie intavolat fil-21 ta' Ġunju, 2023, jiġifieri aktar minn mitt ġurnata wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Arbitru fil-konfront tiegħu.

18. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 109(2) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika illi:

> "Appell kif imsemmi qabel f'dan l-artikolu għandu jsir permezz ta' rikors fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz tal-posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċjarju jew lid-Direttur, skont il-każ."

19. L-appellat jgħid li id-deċiżjoni tal-Arbitru twasslet għand l-appellant fil-21 ta' Marzu, 2023, li jfisser li fi kwalunkwe każ ir-rikors tal-appell tiegħu ġie ippreżentat tardivament.

20. Din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Kenneth Abela *vs.* Aplan Limited**[1], fejn ingħad illi:

> *"Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jiġi mħares ad unguem, ir-raġuni tal-element dekadenzjali insit. Dan anke għaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivli u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta ta' proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubblika u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula." (Giuseppe Caruana -vs- Charles Psaila, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21.03.1997).*

21. Quddiem sitwazzjoni fejn mingħajr ebda ombra ta' dubju, l-appell intavolat mill-appellant ġie intavolat tardivament, din il-Qorti ser ikollha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji mressqa minnu fir-rikors tal-appell tiegħu, bil-konsegwenza għalhekk li d-deċiżjoni tal-Arbitru sejra tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

[1] 06.04.2008.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiddikjara li dan ġie intavolat *fuori termine,* u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji mressqa mill-appellant.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**